5 ta' Novembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D.,** ***President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvatore Zahra *versus* George Mifsud

## Bejgħ — Vizzji Redibitorji — Bwona Fede.

***Meta l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' oġġett mobili hija bażata fuq il-ftehim li l-oġġett tal-bejgħ għandu jkun tajjeb għall-użu tiegħu, u mhux fuq il-vizzji redibitorji, il-kwistjoni tal-apparenza o meno tal-vizzju jew difett li jkollu dak l-oġġett ma hix rilevanti; għax si tratta minn azzjoni "ex contractu".***

***Għalkemm min jixtri oġġett sekonda man hu mistenni li jittollera ċerti difetti ta' importanza żgħira u ċerta deterjorazzjoni dovuta għall-użu preċedenti li jkun sar mill-oġġett, ċertament dak ix-xerrej għandu jkun protett kontra mankamenti ta' importanza tali li minħabba fihom l-oġġett ma hux tajjeb għall-użu li għalieh evidentement ix-xerrej, sija pure ta' oġġett sekonda man, ikun xtrah.***

***U dan jingħad apparti l-konsiderazzjoni li l-kuntratti għandhom isiru in bwona fede; b'mod illi mhux leċitu li l-venditur jilludi lix-xerrej billi quddiemu jipprova l-oġġett b'mod li jaħbilu l-funzjonament ħażin tiegħu; u l-Qrati ma jissanzjonawx strappi simili għal dik il-bwona fede li għandha tirregola l-kuntrattazzjonijiet.***

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppermetta illi huwa xtara minn għand il-konvenut "ham slicing machine" sekonda man, bil-prezz ta' £15, bil-patt illi din il-makna kellha taħdem tajjeb u sservi għall-użu li għalieħ hija destinata; u illi, meta huwa ppruvaha, sab li ma taħdimx għaliex is-"slices" ma joħorġux tal-istess ħxuna mad-dawra kollha, u l-"blade" taħdem b'mod perikoluż għal min jimmaniġġaha, u għalhekk mhix skond il-ftehim u tal-kwalità promessa; u li huwa bagħat lura l-istess mak-

na lill-konvenut, li aċċettaha u żammha għandu għal ċertu żmien, u mbagħad, b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar 1955, interpellaħ biex jirrestitwilu l-prezz ġa mħallas fl-imsemmija somma ta' £15; u illi l-konvenut, żmien wara li kienet ilha għandu, għadda għad-depożitu tal-makna, wara li qagħad jilgħab magħha u jalteralha xi partijiet, liema depożitu sar per mezz ta' ċedola in data 24 ta' Frar 1955; talab, prevja d-dikjarazzjoni illi l-imsemmija "slicing machine", meta ġiet mibjugħa u konsenjata lilu, ma kienetx tajba għall-użu li għalieħ hija destinata u ma kienetx skond il-ftehim u tal-kwalità promessa, u prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li d-depożitu tagħha huwa null u ineffikaċi, għaliex l-oġġett depożitat ma kienx fl-istess stat li fiħ kien meta sar il-bejgħ u meta l-konvenut reġa' ħadu lura, talab illi (1) tiġi riżoluta l-vendita tal-istess makna fuq riferita, (2) u li l-konvenut jiġi kundannat jagħtieħ lura l-prezz tagħha fis-somma ta' £15; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar 1955; u bl-interessi kummerċjali mill-ġurnata tal-pagament tal-prezz;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Mejju 1956, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaliex mhix applikabbli, iżda bl-ispejjeż kontra l-attur, għaliex kien huwa li pprovokaha, billi bbaża l-istanza anki fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa (fol. 8), u rrespinġiet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

**Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma**, fil-qosor, dawn: —

Għal-ħabta ta' Diċembru tas-sena 1954 l-attur, li għandu ħanut tal-merċa f'Ħal Tarxien, kien imur fil-ħanut tal-merċa tal-konvenut, il-Ħamrun, biex jirtira r-razzjon ta' persuna li mill-Ħamrun kienet marret toqgħod fid-distrett tiegħu. Huwa kien jara lill-konvenut iqatta' l-perżut u l-mortadella b'makna "ħam slicer" ġdida, u għalhekk talbu biex ibiegħlu l-qadima ...... u spiċċaw biex ftehmu bi £15...... L-għada l-attur ħa l-makna lura għand il-konvenut u lmenta

li kienet taqta' ħażin, jiġifieri naħa oħxon u naħa rqieq. Il-konvenut irrispondieħ li għad irid jidraħa...... L-attur talbu jirranġahielu, u l-konvenut qallu li l-makna ma kellhiex x'tirranġa u li, hekk irid, jirranġaha hu stess. L-attur allura poġġa l-makna fl-art fil-ħanut tal-konvenut, u telaq. Wara xi ġranet, l-attur bagħat ittra lill-konvenut, per mezz ta' prokuratur legali, li biha ta lil-konvenut żmien jumejn biex jirrifondilu l-prezz tal-makna. B'risposta, il-konvenut bagħtlu ittra, per mezz ta' avukat, li biha rrespinġa l-pretensjoni tal-attur u avżah li, jekk fi żmien erbgħa tijiem ma jirtirax il-makna, jiddepożitaha taħt l-awtorità tal-Qorti. L-attur ma rtiraħiex, u l-makna ġiet mill-konvenut depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti;

Illi mill-perizja jirriżulta: —

Illi fil-"ham slicer" in kwistjoni x-xafra għandha ftit tal-laxk fil-"gears", u anki fil-fus tagħha ......;

Li minħabba fil-laxk u fis-"slide", u l-aktar minħabba fil-laxk li hemm fil-pernijiet, il-moviment tas-"slide" mhux eżatt......;

Illi bil-laxk li għandha l-makna, il-moviment tal-karru, u anki ftit tax-xafra, mhumiex eżatti biżżejjed biex is-"slices" jinqatgħu sewwa, u għalhekk il-makna ma tistgħax tissodisfa l-iskop tagħha......;

Illi, però, hu possibli li wieħed juża din il-makna b'riżultat soddisfaċenti, imma wieħed ikollu jiggwida l-karru per mezz ta' moviment preċiż tal-id......;

Illi d-difett fuq imsemmi, li għandha l-makna, hu "evidenti malli taraha u tippruvaha";

Illi dan id-difett hu rimedjabbli per mezz ta' tiswija;

Illi ma jirriżultax li sar xi ftehim bejn il-kontendenti dwar il-funzjoni tal-makna, meta l-konvenut biegħha lill-attur;

Illi mid-depożizzjoni tal-perit jirriżulta, inoltre, li d-difett hu dovut għall-"wear and tear", għall-użu, peress li l-makna ilha taħdem, u li dan id-difett huwa evidentissimu, difett li wieħed malajr jinduna bih kif jaqbadha f'idejh; għaliex jiċċaqalqu tant dik il-parti fejn tpoġġi l-oġġett li għandu jinqata', kemm ukoll ix-xafra. Jirriżulta

wkoll illi, jekk wiehed jipprova jirregola d-difett kif ntqal fuq, jista' jaqta' idu; u li d-difett jista' jissewwa faċilment bi spiża ta' £6. 15. 0;

Illi l-makna mhix, kwindi, affetta minn vizzju redibitorju, imma, inveċe, minn difett mill-aktar apparenti, jiġifieri minn difett li l-attur, jew kien jaf bih jew seta' faċilment, waħdu, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd, ikun jaf bih. Jekk kien jaf bih, tkun ħaġa assurda illi jkun jista' jinsorġi kontra l-fatt proprju u jimpunja kuntratt li huwa xjentement u liberament ried; jekk fir-realtà, għalkemm id-difett kien apparenti, ma tax każ tiegħu u ma ndunax, tkun ħaġa inġusta kieku minn dina n-negliġenza u l-imperizja tiegħu kienet tista' tidderiva l-pretiża li jxolji jew jimmodifika r-rapport ġuridiku nterċedut bejnu u bejn il-konvenut, u li fuqu l-istess konvenut akkwista d-dritt li jagħmel assenjament. Għalhekk il-liġi in ordni għad-difett apparenti tistabbilixxi illi l-venditur ma jweġibx għad-difetti li jidhru, li x-xerrej seta' jaf bihom waħdu (art. 1475 Kodiċi Ċivili);

Illi għalhekk, u ġa ladarba ma tirriżultax pruvata l-istipulazzjoni tal-patt pretiż mill-attur, fis-sens li l-makna kellha taħdem tajjeb u sservi għall-użu li għalieh hija destinata, l-istanza għandha tiġi respinta. Il-ġurisprudenza ċitata mill-attur fin-nota tiegħu fil-fol. 44 tal-proċess ma tagħmilx għall-każ preżenti; għaliex tirrigwarda każijiet ta' riżoluzzjoni ta' vendita ta' oġġett sekondaman affett minn vizzju redibitorju, u ċertament mhux vendita ta' oġġett, sekonda man jew le, affett minn difatti apparenti, u mingħajr garanzija speċjali;

Rat fol. 59 il-petizzjoni li biha l-attur talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fi-sens li tiġi konfermeta fejn irrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u tiġi revokata fejn qatgħet li l-ispejjeż tal-eċċezzjoni jkunu a kariku tal-attur u fejn irrespinġiet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż, billi jiġi minflok deċiż illi d-domandi tal-attur jiġu milqugħin, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-azzjoni esperita mill-attur mhijiex bażata fuq il-vizzju

redibitorju, iżda fuq il-patt li l-makkinetta kellha tahdem tajjeb: jiema patt *l-attur jallega li kien a bażi tal-ftehim bejnu u bejn il-konvenut*. Għalhekk, trattandosi tal-azzjoni "ex contractu", il-kwistjoni tal-apparenza o meno tal-vizzju, ossija *difett fil-makkinetta. ma hijiex rilevanti;*

Din il-Qorti hi ta' fehma li kien hemm dan il-patt. Infatti: —

(1) L-attur *fix-xhieda tiegħu kkonferma* li sar dan il-patt ..... Il-konvenut ma wasalx biex jiċħad dan il-patt, u sab rifuġju fil-formola solita tal-iżmemoratezza, u qal "jiena ma *niftakarx li għidt* lill-attur il-kelmiet 'tajtek biex tahdem' ";

(2) Kien verosimili li jingħadu dawn il-kliem; għaliex mhux *preżumibbli* li l-atttur, li għandu ħanut ta' grocer, u għalhekk *jirrikjedi din il-makkinetta* għall-użu effettiv fil-ħanut tiegħu, ried jixtri biċċa ħadid inutili. Fost l-obli-*gazzjonijiet* tal-venditur hemm anki dik li għandu jikkon-*senja* l-oġġett, fin-normalità tal-każi, fi *stat tajjeb* (App. "Xuereb vs. Azzopardi", 21 ta' Ġunju 1943, Vol. XXXI-*II-1*, 647, 651);

(3) Xejn ma jiswa li l-attur xtara din il-makkinetta sekonda man; għaliex, kif ġie deċiż minn din il-Qorti, għalkemm min jixtri oġġett sekonda man hu mistenni li jittollera ċerti difetti ta' importanza żgħira u ċerta deter-jorazzjoni dovuta għall-użu preċedenti, ċertament għandu jiġi protett kontra mankament ta' importanza tali li min-ħabba fih l-oġġett ma hux tajjeb għall-użu li għalih evi-dentement ix-xerrej, sija pure ta' oġġett sekonda man, ikun xtrah;

Dan kollu apparti l-konsiderazzjoni li l-kuntratti għandhom isiru in bwona fede; u f'dan il-każ hu ovvju li l-konvenut għaraf jilludi lill-attur billi, fl-użu tal-makna li għamel quddiemu, iggwida l-karru tal-makna per mezz ta' moviment preċiż ta' idu esperta, minflok per mezz tal-gwi-di tal-makna, li huma laxki, biex b'hekk jgħatti l-mal fun-zjonament tagħha. Il-Qrati ma jissanzjonawx strappi simi-li għal dik il-bwona fede li għandha tirregola l-kuntrattaz-zjonijiet;

Kwantu għall- ispejjeż tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-ispejjeż tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandu jbatihom il-konvenut, u fis-sens li tilqa' t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi; u tikkonfermaha fil-bqija.